MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 89/2011

**Roger Borg (ID661641M)**

**vs**

**Mohannid Sogr K sive Jimmy Garzadin**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li permezz tieghu r-rikorrenti ppremetta:

Illi huwa jikri lill-intimat il-fond, Flat 2, Lisa Flats, Tamar Street, Qawra bil-kera ta’ mitejn u hamsin Euro (€250) kull xahar u jithallas kull xahar bil-quddiem (Dok A)

Illi l-intimat huwa moruz fil-hlas ta’ sitt xhur kera u cioe’ dawk skaduti bejn 14 t’April 2011 u 13 ta’ Settembru, 2011 u dan nonostante diversi interpellazzjonijiet, inkluz ittra ufficjali tas-27 ta’ Gunju, 2011 (Dok B)

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li din il-Bord joghogbu jawtorizza lill-esponent jirriprendi l-pussess tal-imsemmi fond u li ghall-finijiet ta' l-izgumbrament jigi prefiss lill-intimat zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez.

Semgha l-provi;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi dan huwa rikors ghar-ripreza ta' fond residenzjali promoss mis-sid tal-istess fond fuq il-premessa li l-intimat inkwilin naqas milli jonora l-obbligi kontrattwali tieghu, senjatament ghaliex naqas milli jhallas il-kera kif pattwit fl-iskrittura ta' lokazzjoni *de quo*. L-intimat naqas milli jirregistra risposta ghal din it-talba u naqas ukoll milli jkun prezenti biex jikkontesta l-istess minkejja li kien debitament notifikat b'dawn il-proceduri. Minkejja dan, il-Bord, kif inhu pacifikament akkolt mill-gurisprudenza, huwa tenut li jezamina l-fatti kollha tal-kaz irrispettivament min-nuqqas ta' objezzjoni tal-intimat u ghalhekk ser jghaddi sabiex jissokta b'dan l-ezami;

Jemergi mill-provi illi r-rikorrenti kien kera lill-intimat il-fond in kwistjoni bl-iskop li jkun jista' jghix fih hu u membri tal-familja tieghu u dan skond kif patwit f'kuntratt bejn il-partijiet ezebit bhala Dok A. Il-klawsola numru wiehed (1) tirraviza hlas tal-kera ta' €250 pagabbli kull xahar bil-quddiem filwaqt illi l-klawsola numru 17 tipprovdi ghall-eventwalita' ta' nuqqas ta' hlas tal-kera fi zmien hmistax-il jum minn meta din tkun hekk dovuta fejn allura s-sid ikollu d-dritt jirrexxindi l-kuntratt. B'ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju 2011, l-intimat kien infurmat illi minkejja ittra bonarja tat-30 ta' Mejju 2011 huwa kien naqas li jhallas il-kera dovuta u b'hekk kien moruz fil-hlas tal-kera fl-ammont ta' €500 rapprezentanti zewg skadenzi;

Illi inoltre, r-rikorrenti xehed quddiem dan il-Bord u kkonferma illi l-intimat qatt ma hallas kera minn April tas-

sena 2011 ‘l quddiem minkejja li kien kellmu diversi drabi. Minkejja diversi promessi ta’ hlas, u minkejja li l-intimat jahdem bi qligh, huwa kien jghid lir-rikorrenti li ma kellux flus biex jiskonta d-dejn tieghu;

Minn dan jemergi illi r-rikorrenti skonta l-prova sia ta’ nuqqas ta’ hlas ta’ kera kif ukoll tal-interpellanza ghall-istess u ghalhekk tirrizulta l-akkampata morozita’ li ggib maghha l-konsegwenza kif pattwita bejn il-partijiet;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzah sabiex jirriprendi l-fond mertu tal-kawza mill-pussess tal-intimat. Ghal fini ta’ zgumbrament r-rikorrenti huwa hekk awtorizzat wara tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------